MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

# GĦAXAR LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 23

26 ta' Marzu 2026

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fis-2.58pm.

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Philip Cassar – Viċi Sindku
Frances Galea – Kunsilliera
Maria Cassar Sultana – Kunsilliera
Franco Bajada - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI [Skont Ordni Permanenti 14A(3)]:

Ħadd

ASSENTI

Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Jeanette Grima – Segretarju Eżekuttiv

# Aġenda Nru. 23

23.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
23.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti preċidenti Nru. 22;
23.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
23.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
23.5 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv;
23.6 Attivitajiet , Jum Sannat u Wine Festival
23.7 Ilmenti u Suġġerimenti;
23.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
23.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss;

## Minuti

Is-Sindku ppresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

## 23.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

23.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 23.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 22

23.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għall-minuti tal-laqgħa preċedenti Nru.22 li dawn kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Dawn il-minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill preżenti. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 23.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

23.3.1 Is-sindku beda l-komunikazzjoni tiegħu billi qal, li finalment twaħħlu il-ħġieġ tal-pjazza u s-sindku kkonferma, li dawn ġew puliti ħafna u smooth. Issa, li jonqos hu li jsir id-dawl mal-ħorza u l-arkati biex joħorġ aktar l-effett. Il-kunsillier Bajada saqsa fuq id-dwal li baqa' fuq iz-zuntier, bis-sindku jikkonferma li id-dawl ġie rranġat u baqa' biss żewġ bozoz li jridu jsiru. Fuq il-proġett tal-pjazza baqa' jitwaħħlu erbgħa ġebliet taz-zuntier, imma sfortunatament dawn inqatew ħażin għal kemm il-darba. Onestament, is-sindku ma jafx x'jista' jagħmlu iktar bħala kunsill. Is-sindku kellem lill-perit tal-kuntrattur, fejn saħaq li ma' dan ix-xogħol irid jitlesta mill-aktar fis. Is-sindku għamilha ċara, li l-kuntrattur imsemmi baqalu jitħallas ammont konsiderevoli ta' flus, pero', qabel ma jitlesta x-xogħol kollu mhux se jkun hemm l-approvazzjoni biex dan jitħallas. Peress li twaħħal il-ħġieġ, issa jistgħu jitwaħħlu l-angles 90 degrees tal-parking bays, flimkien mal-bollards, xi tabelli li hemm neqsin, biex finalment jinżebħu s-sinjali u z-zebra crossing. Rigward it-tabella tal-bus stop, is-sindku kellu laqgħa ma' Transport Malta, fejn ġie nfurmat li ħarġu t-tender ta' dawn it-tabelli tal-bus stop, u meta jkun aġġudikat, dawn jitwaħħlu. Il-kunsilliera Cassar Sultana rrimarkat, li ġiet nfurmata, li hemm miżura marbuta mal-parking li għadha ma ngħalqetx. Is-sindku qal, li kif semma ftit minuti ilu, issa jistgħu jitwaħħlu l-angles, biex ikunu jistgħu jitwaħħlu sensors minn naħa ta' l-IMU. Il-kunsill qed jistenna s-survejor tal-kuntrattur biex jimmarka dawn l-angles. Eventwalment imbagħad, jitpoġġa screen int hu dieħel ta' Sannat jindika kemm hemm parkings disponibbli fil-pjazza. Il-viċi sindku saqsa jekk hux se jkun hemm ukoll screen fi Triq Dun Xand Aquilina, bis-sindku jwieġeb li jridu jaraw minħabba d-dawl. Is-sindku semma wkoll li kellu numru ta' laqgħat ma' l-Enemalta, biex jibdew jinżlu l-wires tad-dawl taħt l-art fil-pjazza u Sannat road, fejn l-infrastruttura hija lesta. L-enemalta kkonfermat li jridu jwaħħlu arblu tad-dawl fejn il-bank tal-Bank of Valletta, pero', s'issa għadhom ma kkonfermawx meta dan ser jitwaħħal.

23.3.2 Rigward il-belvedere ta’ Triq 28 t’April, il-perit irid jagħmel xi emendi fil-BOQ’s ma’ Project Green, peress li fit-tender ma kienux imniżżlin. Is-sindku qal, li l-pots li għandhom jitpoġġew għandhom ikunu precast biex ikunu iktar solida u pulita. Jekk tkun konfermata din it-talba mingħand Project Green, jiġi ffirmat l-agreement li jfisser li dan il-proġett se jkun iffinalizzat mija fil-mija (100%) minn Project Green. Il-cable ta’ taħt il-bankina se jiġi relocated fejn hemm il-parking bays biex hekk isir bankina waħda, u l-parking bays isiru bil-concrete biex ikun hemm iktar uniformita’. Il-ħadid li hemm fi Triq 28 t’April ser jinqala’ u jtuh powder coating abjad u bħala madum, il-perit għażel li jitpoġġa madum noce travertine. Is-sindku saħaq li jridu jitħawwlu aktar siġar u jkun hemm sistema ta’ irrigazzjoni, li tkun ġejja jew mil-ġibjun tal-pjazza jew inkella mill-ġiebja ta’ taħt il-kunsill. Il-kunsill irid joħroġ sejħa ta’ espressjoni marbuta ma’ installazzjoni ta’ bankijiet u fanali ġodda.

23.3.3 Is-sala tal-każin tal-banda kif jaf kulħadd sar investiment kbir fir-rinovazzjoni ta’ din is-sala. Pero’, ta’ min jirrimarka, li preżentament hemm issue ta’ aċċessibbiltà peress li mhemmx lift disponibbli. Is-sindku huwa tal-fehma li bħala kunsill għandhom jgħinu permezz ta’ fondi tad-DPF. Is-sindku qal, li fl-opinjoni tiegħu iridu jsiru tibdil żgħir strutturali, pero’, mhux jara spejjeż ta’ barra minn hawn bejn wieħed u ieħor erbgħin (€40,000) / ħamsa u erbgħin (€45,000) elf ewro. Il-kunsillieri qablu għandhom japplikaw għal-fondi biex issir dan l-investiment, li barra li jkunu qed jgħinu waħda mis-soċjetajiet li nsibu fir-raħal, l-kunsill jista’ jibbenifika mill-użu ta’ din is-sala.

23.3.4 Fuq il-playing field, is-sindku qal, li l-gate saret u qed tissakkar skond il-ħinijiet miftehma. Ir-rapport ta’ MCCAA li kienu għamlu rigward il-playing field, ġew irranġati r-rakkomandazzjonijiet mitluba minn naħa tal -kunsill. Il-perit huwa nfurmat biex jibgħat il-claim tad-DPF biex ikunu jistgħu jgħaddu l-flus lill-kunsill u hekk ikun jista’ jitħallas il-kuntrattur il-kumplament tal-pagament dovut, wara li diġa tħallas is-somma ta’ sbatax-il elf ewro (€17,000).

23.3.5 It-tender tal-kameras tas-sigurta se tagħlaq it-Tnejn tletin (30) ta’ Marzu. Dawn il-kameras tas-sigurta ser jitwaħħlu fid-daħla tar-raħal. Il-bord ta’ aġġudikazzjoni ser ikun magħmul minn l-inġinier is-Sur Mario Cauchi, is-Sur Christian Zammit u s-sindku is-Sur Philip Vella. Il-kunsilliera Cassar Sultana offriet li jekk is-sindku ma jkunx disponibbi, toqgħod hija personali fuq dan l-imsemmi bord. Is-sindku aċċetta li l-kunsilliera Cassar Sultana toqgħod fuq dan il-bord minfloku. Il-kunsillier Bajada saqsa jekk il-kameras tas-sigurta humiex se jkompru wkoll il-playing field, peress li qed ikun hemm issues ta’ użu ta’ gass artifiċjali (laughing gas) minn naħa ta’ ċertu żgħażagħ. Is-sindku qal, li l-kameras se jkunu jilħqu biex ikunu jistgħu jaraw minn hu dieħel u ħiereġ mill-playing field. Is-sindku kkonferma wkoll, li l-pulizija jafu b’dawn l-abbużi u se jagħmlu rondi fil-playing field aktar frekwenti. Saru wkoll tabelli jindikaw li hemm playing field fil-qrib. Hemm ukoll permess biex isir zebra crossing fi Triq Marziena, imma biex din isir irid ikun il-poles tad-dawl biex ikun hemm il-pellican lights. Il-ħinijiet ta’ l-għeluq tal-playing field ġie kkonfermat li fix-Xitwa sas-7.00 p.m. ta’ filgħaxija u fis-Sajf sad-9.30 p.m. ta’ filgħaxija.

23.3.6 Marbuta ma’ l-indafa fir-raħal, is-sindku qal, li sinċerament mhux sodisfatt bl-indafa li qed isir fir-raħal minn ċertu ħaddiema. Is-sindku kkonferma wkoll, li bħala kunsill qed jirċievu numru ta’ ilmenti marbuta ma’ l-indafa. Is-sindku flimkien mas -segretarju eżekuttiv, minn din il-ġimgħa stess qed jiltaqgħu personalment wieħed wieħed mal-ħaddiema biex

jiddiskutu magħhom. Waqt il-laqgħa, is-sindku  qed jagħmilha ċara, li min mhux kuntent jaħdem mal-kunsill, għandu l-approvazzjoni li jitlaq għax mhux se jittoleraw aktar ilmenti. Waħda mis-suġġerimenti li kien hemm s'issa mil-ħaddiema stess kienet li jmur inaddfu flimkien t-toroq u l-partijiet ta' Sannat. Is-sindku, pero', saħaq li ma jaqbilx li dawn imorru bħala group flimkien għax imbagħad jista' jirriżulta li jkun hemm ilment bejn il-ħaddiema stess. Wara li jitlestew dawn il-laqgħat mal-ħaddiema, il-kunsill ser jibgħat fuljett lir-residenti bi skeda ta' tindif tat-toroq madwar ir-raħal.

23.3.7 Is-sindku għalaq il-komunikazzjoni tiegħu billi qal, li fi Triq Dun Xand Aquilina qed jiġu rrapurtati xi inċidenti ta' persuni li jaqgħu' waqt li jkunu mexjin fuq il-bankina. Dawn il-bankini ilhom li saru x' aktarx mis-sena 2000. Il-kunsilliera qablu unanimament, li bħala kunsill għandhom japplikaw għal-fondi disponibbli tad-DPF, biex jekk ikunu approvati jinbidlu l-bankini kollha f'din it-triq. Il-kunsilliera Cassar Sultana wkoll irrimarkat li fil-parti ta' isfel ta' din it-triq, hemm xi tarmac merfugħ il-fuq. Is-sindku kkonferma, li ser ikun hemm laqgħa mal-korporazzjoni ta' l-ilma fosthom l-inġinier tal-Water Works li taħthom taqa' ir-responsabilta', peress, li kien hemm xi id-dranaġġ li ħareġ taħt it-tappiera u b'hekk telgħet parti mit-tarmac tat-triq. Is-sindku qal, li s-soluzzjoni hi li dik il-parti tat-triq trid titqaxxar u tingħata' l-asfaltar mill-ġdid.

23.3.8 Rigward dawk it-toroq li saru xogħlijiet ta' servizzi mil-korporazzjoni ta' l-ilma, is-sindku saħaq, li baqa' jinsisti mal-korporazzjoni msemmija biex dawn jagħtu il-full width bit-tarmac fejn għaddew is-servizzi.  Is-segretarju eżekuttiv bagħtet ukoll xi imejls  u anki kien hemm xi laqgħa fuq il-post. Il-korporazzjoni, fl-aħħar aċċettat li jagħmlu il-full width fosthom Triq Bebunaq, Triq ix-Xabbata u xi toroq oħra. Is-sindku qal, li x-xogħlijiet li saru fejn tbiddlu s-servizzi kien għal aħjar, pero', importanti li anki l-wiċċ tat-triq ikun għal aħjar.

## 23.4 Mistoqsijiet mill-kunsillieri

23.4.1 Il-kunsilliera Cassar Sultana resqet suġġeriment biex fid-19 ta' April, jiġifieri l-Ħadd filgħodu jagħmlu Spring Market fi Triq 28 t'April.  Il-kunsilliera qablu ma' din il-proposta u s-sindku talab lill-kunsilliera Cassar Sultana biex tagħmel pjan u jġib kwotazzjonijiet fosthom tas-sound etċ. biex jiġu diskussi. L-ewwel parti ta' Triq 28 t'April ma' tingħalaqx u jkun hemm armati bankarelli minn hemm il-ġewwa.

## 23.5 Komunikazzjoni mis-segretarju eżekuttiv

23.5.1 L-istaff tal-kunsill ta' Sannat għamel talba lis-segretarju eżekuttiv biex bħal kull sena nhar Sibt il-Għid, l-binja tal-kunsill ma' tinfetaħx. Il-kunsilliera qablu unanimament li l-kunsill ma jiftaħx dak inhar filgħodu bħal ma' ġara kull sena.

23.5.2 Is-segretarju eżekuttiv ħabbret, li s-Sa. Odette Camilleri aċċettat li toqgħod deputat segretarju eżekuttiv tal-kunsill ta' Sannat. Bil-liġi, kull kunsill irid ikollu deputat segretarju eżekuttiv f'każ ta' assenza għal xi raġuni tas-segretarju eżekuttiv preżenti u għalhekk il-kunsilliera qablu li jikkonfermaw din in-nomina tas-Sa. Camilleri.

23.5.3 Il-kunsill ġabar kwotazzjonijiet marbuta ma' tliet (3) bankijiet ġodda għal-bajja ta' Mġarr ix-Xini. Bejn wieħed u ieħor, l-irħas kwotazzjoni li nġabret jiswew ħames mitt ewro (€500) il-wieħed. Il-kunsillieri qablu biex dawn jinxtraw għax pratikament il-bankijiet tan-naħa ta' fuq spiċċaw.

23.5.4 Ir-reġjun t'Għawdex għandu skema marbuta mal-gastronomija. Is-segretarju eżekuttiv qalet, li se tapplika għal dawn il-fondi biex jintużaw għal wine festival, liema fondi jammontaw għal ħamest t'elef ewro (€5,000).

23.5.5 L-għaqda tan-nar Santa Margerita għamlet talba lill-kunsill, li bħal kull sena l-kunsill jagħti l-għajnuna tiegħu għan-nar tal-festa. Il-kunsilliera qablu li bħal kull sena, il-kunsill jagħti l-għajnuna tiegħu.

23.5.6 Is-segretarju eżekuttiv qalet, li l-kunsill għadu kemm irċieva talba mill-kumpanija Melita p.l.c. biex jagħmlu xi upgrade fl-infrastruttura fosthom li jitpoġġew xi kaxxi f'postijiet differenti. Il-kunsilliera ma qablux li jsiru dawn il-kaxxi, u għalhekk is-sindku ser jagħmel laqgħa mar-rappreżentanti ta' din il-kumpanija biex jara eżatt x'iridu. Is-sindku semma wkoll, li billi ħadu l-fondi tad-dipartiment, kif ukoll fondi ta' Project Green marbuta mal-belvedere ta' Triq 28 t'April, qed jipproponu li l-fondi tad-DLG jintużaw għal-proġett ieħor, peress li ma jistgħax ikun hemm double finding fuq l-isterss proġett. Għalhekk il-fondi tad-dipartiment jistgħu jintużaw biex is-sqaq li jagħti mill-pjazza għal MUSEUM, isir service culvert u biex imbagħad isir bil-pavimentar. Il-kunsilliera qablu, li għandhom ibiddlu il-proġett marbut mal-fondi tad-DPF, u jsir il-proġett tas-sqaq ta' fejn il-MUSEUM.

## 23.6 Attivitajiet Jum Sannat u Wine Festival

23.6.1 Il-Ħadd 29 t'April fil-pjazza se jkun hemm show tal-karozzi mtella' mill-klabb tal-karozzi . Bħala kunsil,l kull ma jrid jaħseb hu li jġib l-enforcement officers biex jikkontrollaw it-traffiku. Importanti wkoll, li peress li huwa Ħadd il-Palm, ma jipparkjawx karozzi quddiem iz-zuntier peress li toħroġ il-purċissjoni. Dak inhar ukoll, hemm maratona tar-roti, pero', din mhux se tidħol fir-raħal ta' Sannat, għax se jkunu jduru mill-qasam ta' Sannat għal fejn iċ-ċimiterju għal numru ta' drabi. Apparti minnhekk, il-Ħadd ukoll, jekk it-tim ta' Sannat Lions jieħu mqar punt mill-aħħar logħba tal-kampjonat tat-tieni divizjoni, jiġi ddikjarat champions ta' dan il-kampjonat u tingħalaq it-triq ta' fejn il-każini għaċ-ċelebrazzjonijiet.

23.6.2 Fil-ħamsa u għoxrin (25) t'April se jittella Jum Sannat bin-nomini jagħlqu fl-għaxra (10) t'April. Is-segretarju eżekuttiv kkonfermat li nġabru applikazzjonijiet, pero', s'issa għadu ma daħal xejn. Dak inhar se tkun mistiedna il-banda Santa Margerita u jkunu mistiedna talenti lokali biex ikantaw f'din l-okkazzjoni.

23.6.3 Kif diġa ssemma f'laqgħat preċedenti, il-Wine Festival ser isir is-Sibt 2 ta' Mejju. Il-mistieden speċjali ser ikun is-Sur Kurt Calleja flimkien mal-band Għawdxija Straight Ahead. Il-kunsill wkoll qed jaħdem biex tkun mistiedna kantanta, biex tkompli tallegra din l-attivita'.

23.6.4 Is-sindku semma wkoll, li hemm opportunita' ta' fondi li jammontaw għal madwar ħamsa u għoxrin (25) elf ewro, fejn wieħed irid jagħmel xi ħaġa marbuta ma' l-istorja tar-raħal. Is-sindku qal, li qed jippjana li jittella' d-dramm ta' 'Ġrajjiet Sannat'. Is-Sur Sunny Scicluna qed jaħdem fuqu u qed jagħmel xi modifiki fl-iscript biex ikun aktar addattat għal żminijietna. Il-kunsill għadu jrid japplika għal dawn il-fondi, u jekk jiġu aġġudikati, jridu jintefqu minn Ġunju sa' Novembru, u bis-sindku qed jipproponi li dan id-dramm jittella' fis-sbatax (17) ta' Lulju. Din hi opportunita' kemm għal nies adulti biex iġġedu l-memorji, kif ukoll għat-tfal u żgħażagħ biex jitgħallmu fuq l-istorja ta' Sannat. Apparti minn hekk, is-sindku wera x-xewqa li din id-darba jissemmew is-sindki u l-kunsilliera, peress li meta ttella' l-ewwel darba dramm, eżattament fl-elf disgħa mija u disgħa u tmenin (1989), ma' kienux għadhom jeżistu l-kunsilli. Il-viċi sindku reġa' semma l-possibita' li jkun hawn monument ta' tmienja u għoxrin (28) t'April marbut ma' Jum Sannat. Is-sindku qal, li xi ħaġa li jixtieq u diġa kellem lill-artist is-Sur Joseph Cauchi, hi li fid-daħla tar-raħal fejn hemm il-kelma Ta' Sannat, titpoġġa statwa tal-protettriċi tar-raħal, jiġifieri Santa Margerita. L-artist Cauchi rrefera għal artist żgħażugħ b'talent kbir biex jagħmel din l-istatwa, u flimkien qed iħejju abbozz li mbagħad ser jiġi preżentat f'waħda mill-laqgħat tal-kunsill għal approvazzjoni. Il-pedistall ta' l-istatwa imbagħad, ikun hemm l-arma ta' Sannat, flimkien ma' żewġ frażijiet, waħda marbuta ma' Santa Margerita u l-oħra marbuta mar-raħal ta' Sannat.

23.6.5 Is-segretarju eżekuttiv qalet, li ħarġu skemi mid-dipartiment (SPI/SCI/01/2026) fejn hemm possibilta' ta' għoxrin elf ewro (€20,000), li l-kunsill ser japplika għal l-attivita' tal-Beer Festival. Ħarġet ukoll skema (SPI/SCI/02/2026) marbuta' ma' lokalitajiet aktar nodfa, fejn il-kunsill ser jorganizza clean up campaign. Il-kunsill jista' jibbenefika minn fondi ta' madwar elf u ħames mija (1,500) ewro. Skema oħra (SPI/SCI/03/2026), imbagħad tkopri

attivitajiet relatati mal-festi tal-Milied. Il-kunsilliera qablu li għandhom japplikaw għal dawn ilfondi.

23.6.6 Is-sindku semma wkoll, li fi Pjazzetta tax-Xelina hemm xi pavimentar maqlugħ, u għalhekk ċemplu lill-kuntrattur Gatt Ltd. li kien għamel il-proġett, biex jagħmel stima marbuta ma' manutenzjoni ta' din il-pjazzetta. It-tabelli li hemm f'din il-pjazzetta mgħadhomx jidhru u għalhemm ġew ordnati oħrajn ġodda. Is-sindku saħaq, li għada stess dawn it-tabelli ġodda jridu jitwaħħlu.

## 23.7 Ilmenti u suġġerimenti

23.7.1 Il-Kunsilliera Cassar Sultana talbet biex jinżebħu l-linji tat-triq Paranji. Fuq din it-triq ukoll, il-kunsilliera Galea qalet, li rċiviet ilment li hemm ħafna dlam. Is-sindku qal, li peress li hemm parti ġdida ta' din it-triq ma' kienx hemm bozoz. Is-sindku kkonferma, li s-segretarju eżekuttiv qed tħejji rapport biex l-kunsill jingħata allokazzjoni ta' darba biex ikunu jistgħu jsiru bozoz ġodda, f'toroq ġodda li nfetħu fir-raħal fl-aħħar snin.

23.7.2 15.54 il-viċi sindku kellu jiskuża lilu nnifsu u joħroġ mill-laqgħa. Informa wkoll li llum ser jattendi għal-laqgħa tar-reġjun t'Għawdex.

23.7.3 B' referenza għall-ilment 20/2026, il-Kunsill talab l-għajnuna tal-ħaddiema tal-MGOZ permezz tas-sistema tal-MGOZ sabiex jiġu rranġati l-bankini fi Triq Ta' Xagħman.

23.7.4 B' referenza għall-ilment 21/2026, sid ta' għalqa fi Triq il-Gruwa talab li ssir grada minħabba l-ilma tax-xita. Talab ukoll li ssir mera u li jiġi rranġat il-ħajt tas-sejjiegħ. Is-sindku kkonferma li l-mera tista' jsir mill-ewwel, u jridu japplikaw bis-sistema biex jiġi rranġat il-ħajt. Rigward il-grada, dan is-sid irid jistenna ftit.

23.7.5 B' referenza għall-ilment 22/2026, residenti ilmentaw rigward dog bin imkisser fi Triq Pisoniano u Triq tal-Gruwa.

23.7.6 B' referenza għall-ilment 23/2026, resident talab li jsiru double yellow lines quddiem iż-żewġ garaxxijiet li għandu fi Triq it-Tin dan peress li qed jipparkjaw l-karozzi u ma jkunx jista jaċċessa l-propjeta' tiegħu.

23.7.7 B' referenza għall-ilment 24/2026, resident li joqgħod fi Triq il-Kbira qed jitlob li jsiru double yellow lines quddiem l-entratura tal-parapett tiegħu dan peress li qed jkun hemm ħafna karozzi pparkjati u ma jkunx jista jidħol u joħroġ f'kas ta' emerġenza. Dan ir-resident ser japplika għal disabled parking.

23.7.8 B’ referenza għall-ilment 25/2026, xi ħaddiema u residenti issuġġerew li ssir mera fi Triq l-10 ta’ Ottubru biex tidħol għal Triq l-10 ta’ Ottubru minn Triq il-Kbira. Is-sindku qal, li l-iktar hemm problema f’din il-parti tat-triq hi li kull darba qed titkisser mera int hu ħiereġ minn Triq Gerxija għal Triq l-għaxra (10) t’Ottubru. Il-kunsillier Bajada kellu wkoll nxi lmenti minn xi residenti fuq din il-triq, pero’, ikkonfermalhom li ser jinżebħu xi linji, bis-sindku wkoll jgħid, li ser jibdew jorganizza triq triq skond it-traffic management.

## 23.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti 03 /2026

23.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv resqet l-iskeda ta’ pagamenti Nru. 03/2026 li ntbgħatet permezz ta’ imejl biex dawn il-kontijiet jiġu approvati mill-Kunsill. Din ġiet moqrija mill-kunsilliera Galea. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dawn il-pagamenti għandhom jitħallsu bis-sistema tal-Internet Banking. Din l-iskeda ġiet ipproponuta mill-kunsilliera Galea u ssekondata mill-kunsillier Bajada. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta’ din l-iskeda approvata qed tinhemez ma dawn il-minuti ta’ din il-laqgħa.

## 23.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss

23.9.1 Il-laqgħa ntemmet fil-5.41pm u ġiet aġġornata. Il-laqgħa li jmiss hija skedata għal l-Erbgħa tnejn u u għoxrin (22) t’April fis-1.30pm.

Konfermati, illum 22 ta’ April 2026

| | |
|---|---|
| (IFFIRMATA) | (IFFIRMATA) |
| Philip Vella | Jeanette Grima |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |